MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 375/2014

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti; li permezz tieghu ippremetta:

1. Illi l-kontendenti konjugi ikkontrattaw iz-zwieg fl-24 ta’ Awissu 1985 u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal, X u Y, illum maggorenni ;
2. Illi l-imsemmija konjugi kienu infirdu minn xulxin b’kuntratt ta’ separazzjoni, b’att ippubblikat minn Nutar Dottor Pierre Attard fis-7 ta’ Lulju 2003 (Dokument ST1) ;
3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti u ma hemmx kwistjonijiet bejniethom dwar manteniment ;
4. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni, m’huwiex mehtiega li ssir medjazzjoni bejniethom ;

Talab li a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 li l-intimata tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m’ghandhiex previa s-smigh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C; Bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta’ Settembru, 2014;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx ghal dawn il-proceduri u lanqas ma ipprezentat risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta' Lulju 2003;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------